## Il-Ħadd, 10 ta' Frar 2019

Pawlu qal lil dawk li kienu miegħu
fuq il-ġifen:
"Inwissikom biex tagħmlu l-qalb,
għax ħadd minnkom
m'hu se jitlef ħajtu;
il-ġifen biss jintilef.
Għax dal-lejl deherli anġlu
ta' dak Alla li tiegħu jien
u li lilu nqim, u qalli: 'Tibżax, Pawlu.
Jeħtieġ li inti tidher quddiem
Ċesari; ara, Alla tak il-grazzja
li dawk kollha li qegħdin
jivvjaġġjaw miegħek isalvaw.'
Mela qawwu qalbkom, ħbieb.
Jien nemmen f'Alla li hekk isir,
sewwasew kif ħabbarli.
Jinħtieġ iżda li naħbtu ma' gżira."

***Mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli,***
***kapitlu 27, versi 22-26***

71

"Ġesù jistedinna dejjem
biex inħarsu lejn xefaq
li kapaċi jġedded il-ħajja,
li jġedded l-istorja.
Ilkoll, ilkoll għandna xefaq
quddiemna. Ilkoll.
Hemm min forsi jgħid:
'Jien m'għandix.'
Iftaħ it-tieqa, u ssibu.
Iftaħ it-tieqa ta' qalbek,
iftaħ it-tieqa tal-imħabba
li hu Ġesù, u ssibu.
Ilkoll għandna xefaq."

PAPA FRANĠISKU,
*Omelija*, Servizz Penitenzjali,
Jum Dinji taż-Żgħażagħ, Panama,
25 Jannar 2019

*Kif inħares jien*
*lejn dawk*
*is-sitwazzjonijiet*
*f'ħajti*
*li fihom*
*nirrokka?*

*X'jgħinni*
*nibqa' naqdef?*

# Xefaq

Meta tivvjaġġja ma' Pawlu,
tkun qed tivvjaġġja miegħek, Mulej.
Meta tivvjaġġja miegħu
titlaqqam fil-ġenn li hu għandu għalik.
Meta tivvjaġġja miegħu
tibda tqis kollox bħala knis
quddiem li tagħraf lilek.
Meta tivvjaġġja miegħu
tilmaħ xefaq li qabel tkun qtajt qalbek li tarah.
Meta tivvjaġġja miegħu
issir tiegħek , bħalu,
u tqim dak li huwa jqim.
Meta tivvjaġġja ma' Pawlu
taħbat imma ssalva!
Grazzi, Mulej,
ta' dan Pawlu tiegħek.

## It-Tnejn, 11 ta' Frar 2019

Ġesù u d-dixxipli,
wara li qasmu għan-naħa l-oħra,
waslu l-art f'Ġennesaret
u rabtu d-dgħajsa max-xatt.
Niżlu mid-dgħajsa,
u n-nies minnufih għarfuh
u marru jiġru
ma' dawk l-inħawi kollha.
U bdew iġorru l-morda
fuq l-imtieraħ
kull fejn kienu jisimgħu li qiegħed.
Kull fejn kien jidħol, fi rħula, bliet,
jew kampanja, kienu jqiegħdu
l-morda fil-pjazez u jitolbuh
iħallihom imissu
mqar tarf il-mantar; u dawk kollha
li kienu jmissuh kienu jfiqu.

***Mill-Evanġelju skont San Mark,***
***kapitlu 6, versi 53-56***

72

"Bis-saħħa tal-Magħmudija
u tal-Griżma tal-Isqof
aħna msejħin biex insiru nixbhu
lil Kristu, is-Sammaritan it-Tajjeb
ta' kull min ibati ... Meta aħna
nersqu bit-tenerezza lejn min
għandu bżonn il-kura, inwasslu
t-tama u t-tbissima t'Alla fost
il-kontradizzjonijiet tad-dinja.
Meta d-dedikazzjoni ġeneruża lejn
l-oħrajn issir l-istil tal-azzjonijiet
tagħna, inkunu qed ninfetħu
għall-qalb ta' Kristu li ssaħħanna,
u b'hekk nagħtu kontribut
lejn il-miġja tas-Saltna t'Alla."

PAPA FRANĠISKU, *Messaġġ,*
Jum Dinji tal-Marid 2014, 6 Diċembru 2013

# Kura

*Insib ħin*
*għal min hu*
*marid?*

*X'noffrilu?*

Min ikun jeħtieġ il-kura
u jħabbat il-bieb tiegħek, Mulej,
inti twasslu biex jiskoprik
bħala dak li għandek interess ġenwin fih;
bħala dak li l-istorja tiegħu tagħmilha tiegħek;
bħala dak li tkebbu fit-tenerezza;
bħala dak li timlieh bit-tama.
Ħallini ndeffisha f'rasi, Mulej,
li min ikun jeħtieġ il-kura,
il-prietki ma jgħinuhx wisq,
il-paroli fil-vojt wisq inqas,
l-oġġetti li nista' nagħtih meta nżuru
ma jagħmlulux tajjeb daqs il-preżenza tiegħi
meta din tkun mnebbħa minn dik tiegħek:
preżenza immarkata mit-tenerezza,
li timla lil dak li jkun b'tama kbira.

## It-Tlieta, 12 ta' Frar 2019

Il-Fariżej u l-kittieba li ġew minn Ġerusalemm staqsew lil Ġesù: "Dan l-għala d-dixxipli tiegħek ma jġibux ruħhom skont it-tradizzjoni ta' missirijiethom, imma jieklu b'idejhom mhumiex indaf?" Iżda hu weġibhom: "Sewwa ħabbar Isaija fuqkom, ja nies ta' wiċċ b'ieħor, bħalma hu miktub: 'Dan il-poplu bix-xufftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni. Fiergħa hi l-qima li jagħtuni; jgħallmu duttrina li mhijiex għajr preċetti tal-bnedmin.' Hekk intom iġġibu fix-xejn il-kelma ta' Alla bit-tradizzjoni li tgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra."

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 7, versi 5-7. 13a***

73

"Ħafna drabi, kontra t-tqanqil tal-Ispirtu, il-ħajja tal-Knisja tinbidel f'oġġett għal ġol-mużew jew fi proprjetà tal-ftit. Dan iseħħ meta xi gruppi nsara jagħtu importanza żejda lill-osservanza ta' ċerti normi, drawwiet u stili tagħhom. Hekk, spiss l-Evanġelju jisfa mfaqqar u mxekkel, misruq mis-sempliċità affaxxinanti tiegħu u t-togħma tiegħu ... Dan jista' jolqot gruppi, movimenti u komunitajiet, u jispjega għaliex jibdew b'ħajja intensa fl-Ispirtu, imma mbagħad jispiċċaw jeħlu ... jew korrotti."

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika, *Gaudete et Exsultate*, nru 58, 19 Marzu 2018

*L-Evanġelju huwa l-punt ta' riferenza għalija?*

*Liema huma d-drawwiet fija li jxekklu l-Evanġelju ta' Kristu?*

# F'baħar ta' drawwiet

Xi drabi, Mulej, l-Evanġelju tiegħek
ngħabbuh b'ħafna ħwejjeġ
li mhux talli ma jgħinuniex ngħixuh aħjar
talli jbegħduna minnu.
Kif m'għandniex kuraġġ, Mulej,
ngħidu 'le' għal dak kollu li nafu li jħarbat
is-sbuħija tal-Evanġelju?
Kif nibqgħu niġru, Mulej,
wara dak li nafu li jxekkel is-safa tiegħu?
Għaliex għandna nċedu
li ngħarrquh f'baħar ta' drawwiet u ta' normi?
Jaqaw mhux il-Kelma tiegħek
għandha tkun dejjem fuq quddiemnett?
Tħalliniex fil-għama, Mulej;
tħalliniex inqarrqu bina nfusna;
tħalliniex inqarrqu b'ta' warajna!

## L-Erbgħa, 13 ta' Frar 2019

Ġesù raġa' sejjaħ in-nies lejh
u qalilhom:
"Isimgħuni, intom ilkoll,
u ifhmuni!
Ma hemm xejn minn barra
li meta jidħol fi bniedem
itebbgħu; imma dak li joħroġ
minn ġol-bniedem,
dak hu li jtabba' lill-bniedem."
"Għax hu minn ġewwa,
mill-qalb tal-bniedem,
li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena, żína,
serq, qtil, adulterju, regħba,
ħażen, qerq, libertinaġġ, għira,
malafama, suppervja u bluha.
Dal-ħażen kollu minn ġewwa
joħroġ u jtabba' lill-bniedem."

***Mill-Evanġelju skont San Mark,***
***kapitlu 7, versi 14-16. 21-23***



"Ġesù jafferma l-primat
tal-interjorità tal-bniedem,
jiġifieri l-primat tal-qalb.
Mhumiex l-affarijiet li jidhru
li jagħmluna qaddisin jew le,
imma hi l-qalb li tesprimi
l-intenzjonijiet tagħna,
l-għażliet tagħna,
u x-xewqa li nagħmlu kollox
għall-imħabba t'Alla.
L-atteġġjamenti li jidhru
huma konsegwenza
ta' dak li nkunu ddeċidejna
f'qalbna,
mhux bil-maqlub."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 30 Awwissu 2015

*Il-qalb tiegħi,*
*fejn qiegħda?*

*X'inhu*
*tassew*
*għal qalbi?*

# Il-qalb kollox!

Ma tistax tkun iktar ċar fi kliemek, Mulej:
il-qalb kollox!
U għandek raġun.
Għax mingħajr qalb imsoffija
ma jistax ikolli moħħ li jagħżel it-tajjeb.
Mingħajr qalb imġedda
ma jistax ikolli jdejja nodfa.
Mingħajr qalb mibdula
ma jistax ikolli xufftejn sinċiera.
Mingħajr qalb ikkonvertita
ma jistax ikolli riġlejn
li jeħduni lejn is-sewwa.
Mingħajr qalb
li tiddakkar biss minn dik tiegħek
ma jistax ikolli ħajja ferħana.
Agħtihieli din il-qalb, Mulej.

## Il-Ħamis, 14 ta' Frar 2019

Semgħet b'Ġesù waħda mara li kellha lil bintha maħkuma minn spirtu ħażin, u marret tinxteħet f'riġlejh. Issa din il-mara kienet Griega ... Bdiet mela titolbu biex ikeċċi x-xitan minn ġo bintha. U hu qalilha: "L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax mhux sewwa tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-ġriewi." Iżda hi weġbitu u qaltlu: "Hekk hu, Mulej; imma taħt il-mejda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal." Mbagħad qalilha: "Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn bintek." U xħin marret id-dar, sabet it-tifla mimduda, u x-xitan kien ħareġ minnha.

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 7, versi 25-30***

75

"Hija omm iddisprata, li għas-saħħa ta' bintha tagħmel kollox. Ġesù jispjegalha li hu ġie l-ewwel u qabel kollox għan-nagħaġ tad-dar ta' Iżrael u dan jgħidulha b'lingwaġġ iebes ... Dil-mara kienet taf twieġeb. Ma weġbitx bl-intelliġenza imma bit-tqanqil ta' omm, bl-imħabba: 'Anki l-klieb jieklu dak li jaqa' minn fuq il-mejda; agħtini ftit minn dal-frak!' Dil-mara ma stħatx, u minħabba l-fidi tagħha Ġesù jagħmel il-miraklu li riedet ... Din hi l-mixja ta' persuna ta' rieda tajba. Min ifittex lil Alla, isibu."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni*, 13 Frar 2014

*Kif nersaq jien lejn Alla?*

*Naċċetta bħala rigal dak li Hu jagħmel miegħi?*

# Ftit mill-frak

Fir-rabta li Inti għandek miegħi, Mulej,
narani ndaħħal ħafna pretensjonijiet:
nippretendi li Inti tikkonċentra biss fuqi;
nippretendi li Inti tagħmel minnufih
kulma jiġini f'moħħi u kulma rrid;
nippretendi li Inti titħarrek
kull meta jfettilli niġbidlek l-ispaga.
Le, Mulej, dan m'għandux ikun min-naħa tiegħi.
Aħfirli, Mulej,
aħfirli tal-ħafna pretensjonijiet li għandi.
Neżżagħni għal kollox minnhom.
Libbisni l-attitudni tal-mara griega tal-Evanġelju
li ma titolbokx ħlief ftit mill-frak;
li ma titolbokx ħlief dak li jaqa' minn fuq il-mejda;
li ma titolbokx ħlief dak li ħaddieħor iwarrab;
li ma titolbokx ħlief dak li jibqa'.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Frar 2019

Ġesù raġa' telaq mill-inħawi tal-belt ta' Tir, għadda minn Sidon lejn il-baħar tal-Galilija, fl-inħawi tad-Dekapoli. U ġabulu wieħed, trux u mbikkem, u talbuh iqegħedlu idu fuqu. Ġesù ħarġu għalih waħdu minn qalb in-nies, daħħal subgħajh f'widnejh u messlu lsienu bir-riq tiegħu. Imbagħad refa' għajnejh lejn is-sema, tnieħed tnehida, u qallu: "Effatà", jiġifieri: "Infetaħ!" U minnufih widnejh infetħulu, l-irbit ta' lsienu nħallu u qabad jitkellem sewwa ... Mimlijin bil-għaġeb, bdew jgħidu: "Kollox għamel tajjeb: jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin!"

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 7, versi 31-35. 37***



"Fil-bidu tal-ħajja nisranija tagħna, fil-Magħmudija, hemm propju dal-ġest u din il-kelma ta' Ġesù: "Effatà! - Infetaħ!" U l-miraklu sar: aħna fiqna min-nuqqas ta' smigħ u mill-egoiżmu u mill-għeluq li jnissel fina l-fatt li ma nistgħux nitkellmu, mid-dnub, u dħalna fil-familja kbira tal-Knisja; nistgħu nisimgħu lil Alla li jkellimna u jagħti l-Kelma tiegħu lil min qatt ma semagħha, jew lil min nesiha u difinha taħt ix-xewk tal-preokkupazzjonijiet u l-inganni tad-dinja."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 6 Settembru 2015

# Tidħol u toħroġ

*Fiex jien*
*fl-attenzjoni*
*tiegħi*
*lejn Alla*
*li jkellimni?*

*Ħajti*
*għandha*
*xi tħabbar*
*dwarU?*

Ma nistax ngħid, Mulej,
li l-Kelma tiegħek qatt ma smajtha.
Imma rrid nammetti wkoll
li hemm drabi li fihom din il-Kelma tiegħek
minn widna tidħol u mill-oħra toħroġ!
U għalhekk,
ħajti ma tkunx qiegħda żżommha;
u dak li joħroġ minnha
ma jkunx ħlief il-jien tiegħi.
Nitolbok, Mulej, li ma tgħejja qatt tgħid fuqi
dik il-Kelma tant setgħana tiegħek: 'Infetaħ'.
Din il-Kelma,
għidhieli meta naħbat insodd widnejja għalik.
Għidhieli meta tarani li qed nagħlaq qalbi
għalik u għall-proxxmu.
Imbagħad ikolli xi nxandar tabilħaqq!

## Is-Sibt, 16 ta' Frar 2019

Ġesù sejjaħ id-dixxipli u qalilhom: "Nitħassarhom lil dawn in-nies, għax ġa ilhom miegħi tlitt ijiem, u ma għandhom xejn x'jieklu. Jekk inħallihom imorru sajmin lejn djarhom, żgur iħosshom ħażin fit-triq ..." Huma weġbuh: "F'deżert bħal dan minn fejn jista' wieħed ixabba' lil dawn in-nies kollha?" Hu staqsiehom: "Xi kemm għandkom ħobż?" Qalulu: "Sebgħa." Imbagħad ħa s-seba' ħobżiet, radd il-ħajr, qasamhom u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies, u huma newluhomlhom. U kellhom ukoll xi ftit ħut żgħir; berikhom, u ried li jitnewlu wkoll. U kielu u xebgħu.

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 8, versi 1b-3a. 4-5. 6b-8***



"Quddiem it-tbatija, il-faqar
u d-diffikultajiet ta' tant nies
x'nistgħu nagħmlu aħna?
It-tgergir ma jsolvi ebda problema,
imma nistgħu noffru
dak il-ftit li għandna.
Żgur għandna xi siegħa żmien,
xi talent, xi ħaġa li aħna
kapaċi nagħmlu. Min minna
m'għandux 'is-seba' ħobżiet' u
'xi ftit ħut żgħir'?... Jekk aħna lesti
li nqegħduhom f'riġlejn il-Mulej,
ikunu biżżejjed biex fid-dinja
jkun hawn ftit aktar imħabba,
paċi, ġustizzja u, fuq kollox, ferħ."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 26 Lulju 2015

# Ftit ħafna

*Dak li għandi,
inqiegħdu
f'idejn Alla
ħalli bih
jagħmel
dak li Hu jixtieq?*

*Nemmen
tabilħaqq
li Hu jagħmel
il-mirakli
b'dak li jien
nippreżentalu?*

Il-mirakli, inti tagħmilhom, Mulej,
imma ma tagħmilhomx mingħajri!
Dak li għandi
- u quddiem tant ħtiġijiet tal-oħrajn
dak li għandi huwa ftit -
ma tridnix inrekknu għalija biss.
Il-ftit tiegħi, tistennieh u tridu.
Għax meta l-ftit tiegħi jkun f'idejk,
Inti tkattru bil-kbir.
Meta jkun f'dejk,
Inti tagħmlu ħafna.
Meta l-ftit tiegħi jkun f'idejk,
Inti xxabba' lil kulħadd bih.
Meta l-ftit tiegħi jkun f'idejk,
Inti tagħmel li ħadd ma jiġi nieqes.
Hawn jien, Mulej: ħu l-ftit tiegħi.